2) L-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Brussell I, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar il-falliment, għandu jiġi interpretat fis-sens li mill-fatt li ass li fir-rigward tiegħu tkun tapplika riżerva tat-titlu jkun jinsab, fiż-żmien ta' meta tinfetaħ il-proċedura ta' insolvenza kontra x-xerrej, fl-Istat Membru fejn tinfetaħ il-proċedura ta' insolvenza, isegwi li talba tal-bejjiegħ ibbażata fuq dik ir-riżerva tat-titlu, bħal dik ta' German Graphics, għandha tiġi kkunsidrata bħala talba relatata mal-falliment jew l-istralċ ta' kumpannija insolventi, skont l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Brussell I, u li għaldaqstant ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni?

3) Fil-kuntest tat-tieni domanda, huwa rilevanti l-fatt li skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-falliment, hija l-liġi tal-Istat Membru fejn tinfetaħ il-proċedura ta' falliment li għandha tiddetermina l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju?

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU L 160, p. 1).
(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża

**(Kawża C-299/08)**

(2008/C 272/08)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u D. Kukovec, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża

### Talbiet tal-parti rikorrenti

— tikkonstata li, billi adottat u żammet fis-seħħ l-Artikoli 73 u 74-IV tal-Kodiċi tal-kuntratti pubbliċi adottat pemezz tad-Digriet Nru 2006-975 ta' l-1 ta' Awwissu 2006, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jipprovdu proċedura ta' kuntratti ta' definizzjoni li tippermetti lil awtorità kontraenti li tassenja kuntratt ta' eżekuzzjoni (ta' servizzi, ta' provvisti jew ta' xogħlijiet) lil waħda mill-persuni li għandha kuntratt ta' definizzjoni inizjali mingħajr ma ssir kompetizzjoni ġdida jew, l-iktar, b'kompetizzjoni limitata għal dawn il-persuni biss, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 2, 28 u 31 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18/KE, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]);

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-konvenuta li tippermetti l-assenjazzjoni ta' kuntratti b'forma privata — jew b'kompetizzjoni limitata — f'każijiet li mhumiex previsti mid-Direttiva 2004/18/KE. Meta stabbilixxiet distinzjoni bejn il-kuntratti ta' definizzjoni u l-kuntratti ta' eżekuzzjoni u billi tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-assenjazzjoni ta' dawn l-aħħar kuntratti lil waħda mill-persuni li għandha kuntratt ta' definizzjoni inizjali mingħajr ma ssir kompetizzjoni ġdida jew, ta' l-anqas, b'kompetizzjoni limitata għal dawn il-persuni biss, il-leġiżlazzjoni Franċiża tikser fil-fatt il-prinċipji fundamentali ta' ugwaljanza u ta' trasparenza, li jiffurmaw parti mid-Direttiva 2004/18/KE. Skont il-Kummissjoni, huwa impossibbli li l-għan u l-kriterji ta' assenjazzjoni ta' kuntratt ta' eżekuzzjoni jistgħu jiġu stabbilti bi preċiżjoni f'mument meta l-proġett stess ikun għadu ma ġiex iddefinit. Il-kuntratt ta' definizzjoni u l-kuntratt ta' eżekuzzjoni huma żewġ kuntratti distinti sew, u kull wieħed minnhom għandu għan u kriterji ta' assenjazzjoni għalih u b'hekk, għal dawn ir-raġunijiet, kull wieħed minnhom għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE.

(1) ĠU L 134, p. 114.

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-307/08)**

(2008/C 272/09)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u R. Lyal, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

### Talbiet tal-parti rikorrenti

— tikkonstata li, peress li ma jipprevjenix it-taxxa doppja tad-dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE/EFTA lil persuni fiżiċi, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi li huwa għandu skont l-Artikolu 56 KE kif ukoll skont l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana toħloq restrizzjoni mhux iġġustifikata għall-moviment liberu tal-kapital safejn din tintaxxa d-dividendi li kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea tħallas lill-persuni fiżiċi (id-dividendi "deħlin") bl-istess mod bħal ma din tintaxxa d-dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Belġju (id-dividendi "domestiċi"), mingħajr ma tieħu in kunsiderazzjoni t-taxxa f'ras il-għajn imħallsa fl-Istat li minnu joriġinaw id-dividendi. Leġiżlazzjoni bħal din tippenalizza t-tranżazzjonijiet transfruntaljieri tal-kapital safejn din tiddiswadi lill-persuni taxxabbli individwali milli jinvestu f'ishma ta' kumpanniji barranin filwaqt li fl-istess ħin din tikkostitwixxi ostakolu għal ġbir ta' kapital fil-Belġju fil-konfront ta' kumpanniji li għandhom l-uffiċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda) fis-16 ta' Lulju 2008 — 1. Makro Zelfbedieningsgroothandel CV, 2. Metro Cash & Carry BV u 3. Remo Zaandam BV vs Diesel SpA

**(Kawża C-324/08)**

(2008/C 272/10)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* 1. Makro Zelfbedieningsgroothandel CV, 2. Metro Cash & Carry BV u 3. Remo Zaandam BV

*Konvenuta:* Diesel SpA

### Domandi preliminari

1) Meta prodotti koperti minn trade mark ġew preċedentement imqiegħda fis-suq fiż-ŻEE minn persuna differenti mill-proprjetarju tat-trade mark u mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħu, għandu jsir riferiment, sabiex jiġi evalwat jekk kienx hemm kunsens (impliċitu) tal-proprjetarju tat-trade mark, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks ([1]), għall-istess kriterji li ġew iddefiniti għall-każ fejn dawn il-prodotti ġew preċedentement imqiegħda fis-suq mill-proprjetarju tat-trade mark jew bil-kunsens tiegħu barra miż-ŻEE?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv: liema kriterji — possibbilment meħuda (b'mod partikolari) mis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 1994, IHT Internationale Heiztechnik u Uwe Danziger (C-9/93, Ġabra p. I-2789) — għandhom jiġu applikati fl-ewwel każ sabiex jiġi evalwat jekk jeżistix kunsens (impliċitu) tal-proprjetarju tat-trade mark fis-sens tal-Ewwel Direttiva dwar it-trade marks?

([1]) ĠU 1989, L 40, p. 1.

---

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-329/08)**

(2008/C 272/11)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u G. Rozet, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belgju

### Talbiet

— tikkonstata li, bin-nuqqas tiegħu li jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([1]), ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 19 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/35/KE skada fit-30 ta' April 2007. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut kien għadu ma ħax il-miżuri kollha neċessarji għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva f'dak li jirrigwarda r-Région de Bruxelles-Capitale.

([1]) ĠU L 143, p.56.